MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 420/2000/1

**Joseph Bezzina**

**v.**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar**

**Il-Qorti:**
**I. PRELIMINARI**

1. Fil-21 ta' Lulju 1998, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar harget Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettieq kontra Michael Bezzina li fih gie allegat li dan Bezzina kellu zvilupp minghajr

permess li jikkonsisti f'ghalqa li qed tintuza f'bitha ghat-trobbija ta' l-annimali (baqar) kif ukoll tinda, f'Tat-Torri, Triq l-Gharb, Victoria, Ghawdex.

2. Fit-8 ta' Awissu 1998, gie intavolat appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar ("il-Bord") ghan-nom ta' dan Michael Bezzina biex iwaqqa' l-imsemmi Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettieq fuq il-motiv li l-fond kien ilu jintuza ghal hafna snin bhala bitha ghat-trobbija ta' l-annimali, u cioe`, minn zmien li fih kien ghadu mhux mahrug permess ghal tali zvilupp.

3. Fis-seduta mizmuma mill-Bord fil-15 ta' Dicembru 1998, id-difensur ta' l-appellant irrileva li Michael Bezzina kien bniedem inezistenti. Fis-seduta tas-26 ta' Frar 1999, mizmuma mill-istess Bord, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar talbet korrezzjoni fl-imsemmi Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettieq fejn ordnat li l-kliem "Michael Bezzina" kellhom jigu sostitwiti bil-kliem "Joseph Bezzina". Minhabba li ma kienx hemm oppozizzjoni, l-Bord laqgha din it-talba u ordna li ssir il-korrezzjoni mitluba, liema korrezzjoni giet estiza ukoll ghall-appell li kellu jitqies li sar minn Joseph Bezzina.

4. Il-Bord sema' lill-partijiet kif ukoll il-provi li ressqulu u zamm access fuq il-fond in kwistjoni fid-19 ta' Novembru, 1999. Imbaghad ghadda biex ta d-decizjoni tieghu fit-3 ta' Novembru, 2000. Il-Bord cahad l-appell u ordna li l-Avviz tat-Twettieq ghandu jigi fis-sehh fi zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata minn dakinhar tad-decizjoni wara li *inter alia* ikkonkluda hekk:
"Illi l-appellant issottometta fl-appell tieghu illi s-sit mertu ta' dan l-appell kien ilu jintuza bhala bitha ghat-trobbija ta' l-annimali u dan ghal hafna snin izda naqas li jipproduci permess validu ta' l-izvilupp mertu ta' dan l-appell. Ghall-kuntrarju huwa issottometta li meta beda jintuza s-sit in kwistjoni, ma kienx hemm bzonn permess. Il-Bord huwa konxju li minn meta gie fis-sehh il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija zewg sekli ilu, fil-1855, kien jehtieg permess tal-bini. Is-sit in kwistjoni ma rrizultax lil Bord li nbniet qabel il-1855. Huwa minnu li mill-provi prodotti, specjalment mix-xhieda tas-Sur Carmel Portelli, jirrizulta li l-appellant

ilu jrabbi l-baqar. L-appellant naqas li jipproduci permess tal-P.A.P.B. jew permess ta' xi awtorita` ohra li kienet tohrog il-permessi qablu. Huwa naqas ukoll li jinforma lil Bord bid-data ezatta li fiha sar l-izvilupp ghalkemm fix-xhieda tieghu jghid li hu kien biddel iz-zingu xi 28 sena ilu, jigifieri, xil-1972 meta l-PAPB kien ilu mill-1962 ga` ezistenti u qed jopera. Idd-dar ta' l-istess appellant inghatat permess skond ix-xhieda tieghu fil-1983. B'hekk, jirrizulta *ex admissis* li l-izvilupp jmur lura ghal xil-1972 meta kien rikjest permess skond l-artikolu 16 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija."

Ghall-kompletezza qed tigi annessa ma' din is-sentenza bhala appendici d-decizjoni shiha tal-Bord moghtija fit-3 ta' Novembru 2000, sabiex din l-istess decizjoni tifforma parti integrali mill-odjerna sentenza.

## II. L-APPELL

6. Joseph Bezzina ("l-appellant") hassu aggravat minn din id-decizjoni tal-Bord u huwa intavola appell minnha quddiem din il-Qorti permezz ta' rikors ipprezentat fl-20 ta' Novembru, 2000. L-aggravji impressqa mill-appellant huma sostanzjalment tlieta:

1. "... ... l-Onorabbli Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar interpreta l-ligi hazin meta qal illi l-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija illi kienet fis-sehh qabel ma dahlet in vigore l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienet tirrikjedi permess tal-bini sabiex jittrabbew baqar f'ghalqa;
2. Hekk ukoll l-Onorabbli Bord zbalja meta qal li fil-1972 kien mehtieg permess minghand il-PAPB sabiex jinbidel zingu illi jkun spicca bis-sadid u minfloku jsir zingu iehor ta' l-istess tip, daqs u kobor;
3. Fl-ahharnett, il-Bord interpreta l-ligi hazin meta qal illi jinkombi lill-esponenti illi jipproduci permess tal-bini jew jissanzjona bini li sar daqstant zmien ilu."

Wara li spjega dettaljatament dawn l-aggravji tieghu, l-appellant talab lil din il-Qorti, joghgobha tirrevoka d-decizjoni appellata tal-Bord u minflok tordna r-revoka u t-thassir ta' l-Avviz Biex Tieqaf u ta' Twettieq mahrug fil-21 ta' Lulju 1998.

6. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar ikkontestat l-appell b'risposta prezentata minnha fis-27 ta' Novembru, 2000. Biha, hija issottomettiet li l-appell kien fl-ewwel lok null minhabba li ma kienx bazat fuq punt ta' ligi deciz mill-Bord izda biss fuq punt fattwali jekk l-estenzjoni ta' *farm* tal-baqar u bini ta' *shed* kienux bil-permess jew le. Inoltre issottomettiet li fil-meritu, l-appell ma kienx fondat, u li l-izvilupp in kwistjoni sar minghajr il-permessi mehtiega. Ghalhekk l-Awtorita` talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell u tikkonferma fl-intier taghha d-decizjoni tal-Bord tat-3 ta' Novembru, 2000.

## III. KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

8. Il-kontestazzjoni fundamentali ta' l-appellant, kemm quddiem il-Bord kif ukoll quddiem din il-Qorti, hija fis-sens li s-sit in kwistjoni beda jintuza bhala bitha ghat-trobbija ta' l-annimali zmien ilu u dan meta ma kien jehtieg l-ebda permess biex isir tali uzu. Jirrizulta li l-Bord ma qabilx ma' din is-sottomissjoni ta' l-appellant, u wara li ikkummenta li l-istess appellant kien naqas li jinforma lill-Bord bid-data ezatta li fih sar l-izvilupp in kwistjoni, l-istess Bord ikkonkluda li l-izvilupp li sar fis-sit in kwistjoni kien jehtieg permess skond l-artikolu 16 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. Fuq dawn il-fatti l-Bord cahad l-appell u ordna l-ezekuzzjoni ta' l-Avviz tat-Twettieq mertu tal-kawza.

9. L-appellant qieghed isostni li l-Bord kien skorrett meta irritjena li qabel dahlet fis-sehh il-ligi li stabbilixxiet l-Awtorita` ta' l-Ippjanar kien diga` jehtieg permess biex jitrabbew baqar f'ghalqa kif ukoll biex jinbidel zingu tat-tinda li issaddad, liema tinda taghti kenn lill-istess baqar.

10. L-Awtorita` ta' l-Ippjanar qeghda tikkontesta dan l-appell kemm fil-mertu kif ukoll fuq bazi t'eccezzjoni procedurali preliminari. Infatti, l-Awtorita` qeghda teccepixxi li l-appell intavolat mill-appellant huwa wiehed null ghaliex mhuwiex bazat fuq xi punt ta' ligi li diga` gie deciz mill-Bord. Din l-eccezzjoni ssib il-bazi taghha fuq is-sub artikolu 2 ta' l-artikolu 15 ta' l-Att ta' l-1992 Dwar l-Ippjanar ghall-Izvilupp. Din id-dispozizzjoni tghid li d-

decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief ghal punti ta’ ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell quddiem din il-Qorti. Johrog car ghalhekk minn din id-disposizzjoni tal-ligi, li din il-Qorti m’ghandha l-ebda gurisdizzjoni li tirrivedi kwistjonijiet ta’ fatt jew kwistjonijiet t’apprezzament ta’ provi. Lanqas ma tista’ tidhol biex tirrevedi jew taghmel l-apprezzamenti taghha dwar aspetti purament teknici ta’ l-ippjanar. Dawn il-kwistjonijiet jidhlu fil-mansjonijiet esklussivi tal-Bord u din il-Qorti m’ghandhiex is-setgha gurisdizzjonali li tirrivedihom.

11. Il-Bord iddecieda li l-izvilupp mertu tal-kawza kien sar taht ir-regim tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija. L-Artikolu 16 (illum abrogat) ta’ dan l-istess Kodici jipprovdi li dan it-tip ta’ zvilupp ghandu jkun kopert bil-permess. Ghalhekk, fil-kaz in diskussjoni, kien mehtieg li tali permess jinhareg jew mill-PAPB jew minn xi awtorita` ohra li kienet responsabbli ghall-hrug ta’ dawn il-permessi qabel beda jopera l-PAPB. Ma jidhirx li d-decizjoni tal-Bord fiha xi decizjoni fuq punt ta’ dritt izda sostanzjalment hija biss applikazzjoni ta’ l-Artikolu 16 tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija ghall-fatti li rrizultaw quddiem dan l-istess Bord.

12. Fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti l-aggravji kif imressqa mill-appellant fl-appell tieghu ma jistghux jitqiesu minn din il-Qorti, ghaliex kif sewwa eccepiet l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar, dawn ma jinvolvu ebda punt ta’ dritt li kien deciz mill-Bord.

13. Ghall-kompletezza ghandu jinghad li quddiem din il-Qorti gew esebiti zewg *aerial photographs*, wiehed mehud fl-1988 u wiehed mehud fil-1994. Ghalkemm l-izvilupp in kwistjoni jidher car fir-ritratt mehud fl-1994, l-istess zvilupp ma jintlemahx fir-ritratt mehud fl-1988. Dawn iz-zewg ritratti jinsabu esebiti a fol 44 u 45 tal-process waqt li mill-verbal tas-seduta tad-19 ta’ April 2004, jirrizulta li d-difensur ta’ l-appellant ghall-kull buon fini jiddikjara li hu jaqbel li fl-*aerial photograph* tal-1988 it-tinda u l-*yard* in kwistjoni ma jidhrux. Dawn ir-ritratti x’aktarx jinnewtralizzaw is-sustanza tax-xhieda ta’ l-appellant, liema xhieda nghatat quddiem il-Bord u x’aktarx li kieku

dawn iz-zewg ritratti gew ezebiti quddiem il-Bord, din il-kawza setghet tigi finalizzata ferm aktar malajr.

14. Illi konsegwentement l-eccezzjoni preliminari ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar hija ben fondata u hemm lok li tintlaqa'.

15. Ghal dawn il-motivi, filwaqt li tilqa' l-imsemmija eccezzjoni preliminari, tichad l-appell, u tikkonferma d-decizjoni appellata tal-Bord kif ukoll tordna li l-Avviz tat-Twettieq mertu tal-kawza ghandu jigi fis-sehh fiz-zmien wiehed u ghoxrin (21) gurnata mil-lum. L-ispejjez jithallsu mill-appellant.

Deputat Registratur
df

**Appendici**

Kopja tad-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar moghtija fit-3 ta' Novembru 2000, qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------